MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 213/2007

**Eurobridge Shipping Services Limited (C-18912)**

**Vs**

**B. Grima & Sons Limited (C-34602)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Eurobridge Shipping Services Limited fil-11 ta' Lulju 2007 permezz ta' liema titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf sitt mija tnejn u ghoxrin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,622.50) [illum ekwivalenti ghal €3,779.40] rapprezentanti ammont dovut ghal servizz ta' garr u hatt ta' merkanzija mill-Italia ghal Malta, skond invoice numru FL33-08 datata 16 ta' April 2007, annessa mar-Rikors bhala Dok. "A"; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ta' l-10 ta' Mejju 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment mar-Rikors, kontra s-socjetà konvenuta;

Rat ir-Risposta tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema teccepixxi li: (a) it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici, in kwantu huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (b) l-ammont reklamat mis-socjetà attrici mhux dovut stante li s-socjetà attrici naqset mill-obbligi kuntrattwali debitament assunti minnha, *inter alia* billi naqset milli tikkonsenja l-merkanzija in kwistjoni fiz-zmien stipulat; (c) it-talba ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,622.50 (€3,779.40) hija eccessiva billi s-socjetà attrici inkorriet minn rajha fi spiza ammontanti ghal Lm547.20 [illum ekwivalenti ghal €1,337.52], li hija inkluza fl-ammont mitlub, minhabba nuqqas da parti taghha stess u qed tipprova taddossaha fuq is-socjetà konvenuta; u li (d) b'konsegwenza ta' l-inadempjenza kuntrattwali tas-socjetà attrici, hi sofriet danni, konsistenti *inter alia* f'telf ta' profitt, ammontanti ghal Lm485.04 [illum ekwivalenti ghal €1,129.84], kif jirrizulta mid-dokument Dok. "MMC02" anness mar-Risposta kif minnha dedott fil-kontro-talba taghha;

Rat il-kontro-talba tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema titlob li s-socjetà attrici tigi kkundannata thallasha s-somma ta' erba' mija hamsa u tmenin Liri Maltin u erba' centezmi (Lm485.04), [illum ekwivalenti ghal €1,129.84], jew somma ohra verjuri li tista' tigi determinata minn din il-Qorti, konsistenti f'danni minnha sofferti b'konsegwenza ta' l-inadempjenza kuntrattwali tas-socjetà attrici;

Rat ir-Risposta tas-socjetà attrici ghall-kontro-talba tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema teccepixxi li t-talba tas-socjetà konvenuta hija infondata fil-fatt u fid-dritt, mhux biss ghaliex is-socjetà attrici ma tista' qatt tinzamm responsabbli ghad-dewmien fil-konsenja, izda wkoll ghaliex fil-kaz odjern d-dewmien kien kollu attribwibbli ghas-socjetà konvenuta;

Semghet ix-xhieda ta' David Abela, rapprezentant tas-socjetà attrici, moghtija waqt is-seduti tas-27 ta' Novembru 2007[1] u tad-6 ta' Mejju 2009[2], u rat id-dokumenti minnu esebiti, markati Dok. "DA1" sa' Dok.

[1] Fol. 19 sa' 21 tal-process.
[2] Fol. 93 sa' 97 tal-process.

“DA5” minn fol. 22 sa’ 33 tal-process u id-dokument Dok. “DA” a fol. 98 u 99 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Adam Grima, rapprezentant tas-socjetà konvenuta, moghtija waqt is-seduti tal-15 ta’ April 2008[3] u tas-6 ta’ Mejju 2008[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu, markati Dok. “AG1” sa’ Dok. “AG20” minn fol. 40 sa’ fol. 71 tal-process u Dok. “MMC01” sa’ Dok. “MMC03” minn fol. 72 sa’ 74 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ l-Inginier Patrick Gauci moghtija waqt is-seduta tat-22 ta’ Mejju 2008[5] u rat id-dokument esebit minnu, markat Dok. “PG” a fol. 85 u 86 tal-process;

Rat id-dokument Dok. “A” anness mar-Rikors promotur a fol. 2 tal-process u d-dokumenti Dok. “MMC01” u Dok. “MMC02” a fol. 9 sa’ 11 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza da parte tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ €3,779.40 (Lm1,622.50) rapprezentanti ammont dovut ghal servizz ta’ garr u hatt ta’ merkanzija mill-Italia ghal Malta. Is-socjetà konvenuta topponi ghat-talba attrici in bazi ghall-eccezzjoni li s-socjetà attrici naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali taghha billi l-merkanzija in kwistjoni ma gietx konsenjata entro t-terminu stipulat, bil-konsegwenza li sofriet Danni. Permezz ta’ kontro-talba s-socjetà konvenuta titlob li s-socjetà attrici tigi kkundannata thallasha d-danni minnha sofferti a causa ta’ l-inadempjenza kuntrattwali taghha, ammontanti ghal €1,129.84 (Lm485.04) jew ammont verjuri likwidat minn din il-Qorti. Is-socjetà attrici topponi ghat-talba rikonvenzjonali tas-socjetà konvenuta in bazi ghall-eccezzjoni li qatt ma tista’ tinzamm responsabbli ghad-

[3] Fol. 35 sa’ 39 tal-process.
[4] Fol. 76 sa’ 78 tal-process.
[5] Fol. 83 sa’ 84 tal-process.

dewmien fil-konsenja u fi kwalunkwe kaz, id-dewmien kien attribwibbli ghas-socjetà konvenuta.

Mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti:

– B’ittra datata **23 ta’ Marzu 2007** il-Korporazzjoni Enemalta kkonfermat ordni ta’ **300 *new jersey barriers*** minghand is-socjetà konvenuta, taht il-kondizzjonijiet hemm stipulati[6];
– L-ordni kif soggetta ghall-kondizzjonijiet imposti mill-Korporazzjoni Enemalta giet accettata u kkonfermata mis-socjetà konvenuta fid-**29 ta’ Mazru 2007**[7];
– Is-socjetà konvenuta già kellha **112 *barrier in stock*** izda kellha tordna l-kumplament – ossia **188 *barrier* ohra** – mill-Italia u iggibhom Malta[8];
– Ghalkemm wahda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Korporazzjoni Enemalta fl-ittra tat-23 ta’ Marzu 2007 kienet illi *goods are to be delivered within the least possible time from receipt of this letter*, ghall-ewwel ma imponietx data fissa meta kellhom jigu provduti dawn il-*barriers* izda in segwitu l-Korporazzjoni Enemalta rabtet lis-socjetà konvenuta biex teffettwa l-konsenja tal-*barriers* sa’ l-**14 ta’ April 2007**[9];
– Fis-**26 ta’ Marzu 2007** ukoll is-socjetà konvenuta ordnat konsenja ta’ 300 *new jersey barriers* minghand is-socjetà COGIT PLAST S.p.A., sitwata l-Italia[10];
– Fis-**26 ta’ Marzu 2007** is-socjetà konvenuta nghatat stima mis-socjetà attrici rigward s-servizz ta’ trasport tal-*barriers* minnha ordnati minghand COGIT PLAST S.p.A., mill-Italia ghal Malta[11];
– Is-socjetà konvenuta inkarigat lis-socjetà attrici ghat-trasport tal-*barriers* mill-Italia ghal Malta u fis-**27 ta’ Marzu 2007** is-socjetà attrici kkonfermat mal-kuntatt taghha –

---

6 Dok. “AG6” fol. 46 u 47 tal-process.
7 Fol. 48 tal-process.
8 Xhieda ta’ Adam Grima waqt is-seduta tal-15 ta’ April 2008, fol. 35 sa’ 39 tal-process, u xhieda ta’ l-Inginier Patrick Gauci waqt is-seduta tat-22 ta’ Mejju 2008, fol. 83 sa’ 84 tal-process.
9 Xhieda ta’ l-Inginier Patrick Gauci waqt is-seduta tat-22 ta’ Mejju 2008, fol. 83 sa’ 84 tal-process.
10 Xhieda ta’ Adam Grima waqt is-seduta tal-15 ta’ April 2008, Dok. “AG1” a fol. 41 tal-process u Dok. “AG3” a fol. 43 tal-process.
11 Dok. “AG2” a fol. 42 tal-process.

MBL Shipping Agency Ltd. – il-*booking* ghat-trasport tal-*barriers* ordnati mis-socjetà konvenuta[12];
– It-trasport tal-*barriers* mill-istabiliment tal-COGIT PLAST S.p.A. ghall-port ta' Taranto kellu jigi esegwit mis-socjetà Altair S.r.L.[13];
– Fit-**28 ta' Marzu 2007** is-socjetà Altair S.r.L. kienet f'posizzjoni tigbor il-*barriers* minghand il-COGIT PLAST S.p.A. izda peress illi kien ghadu ma giex effettwat il-hlas da parte tas-socjetà konvenuta, il-fornitur ma awtorizzax ir-rilaxx tal-konsenja[14];
– Ic-cheque ghall-hlas tal-*barriers* ordnati minghand COGIT PLAST S.p.A. fis-26 ta' Marzu 2007 inhareg mis-socjetà konvenuta fit-**28 ta' Marzu 2007** u ssarraf fit-**30 ta' Marzu 2007**[15];
– Il-*barriers* setghu jingabru minghand COGIT PLAST S.p.A. fit-**3 ta' April 2007**, izda l-ordni ghat-trasport gie kkancellat ghaliex kien tard wisq biex il-konsenja tilhaq titghabba fuq il-vapur li kellu jitlaq mill-port ta' Taranto dik il-gimgha[16]. Ittiehdet decizjoni li l-konsenja tingieb Malta bit-*trailer* fuq il-vapur li kellu jitlaq mill-Italia l-gimgha ta' wara[17];
– L-ewwel kuntatt li ghamlet is-socjetà attrici biex il-konsenja tingieb Malta bit-*trailer* kien mas-socjetà S.T.C. S.p.A. izda billi din ma kkonfermatx li setghet teffettwa l-konsenja fiz-zmien mitlub, is-socjetà attrici inkarigat lis-socjetà Farenheit Freight Forwarders Co. Ltd.[18];
– Fis-**6 ta' April 2**007 is-socjetà konvenuta ziedet l-ordni tal-*barriers* minghand COGIT PLAST S.p.A. b'72 *barrier* ohra[19] u dakinhar stess il-konsenja ta' 372 *barrier* ingabret mis-socjetà Farenheit Freight Fowarders Co. Ltd. mill-istabiliment tal-COGIT PLAST S.p.A.[20];
– Il-vapur li kellu jmur Salerno, minn fejn kienet ser titlaq il-konsenja *barriers* ghal Malta, kien ser jitlaq minn Malta ghal Salerno fl-**10 ta' April 2007** minflok fit-**8 ta' April**

---

12 E-mail datata 12 ta' Marzu 2007, fol. 27 u 28 tal-process.
13 E-mail datata 12 ta' Marzu 2007, fol. 27 u 28 tal-process.
14 E-mail datata 28 ta' Marzu 2007, fol. 26 tal-process.
15 Dok. "MMC03", fol. 74 tal-process.
16 Dok. "DA2" fol. 23 tal-process, e-mails datati 3 ta' April 2007 fol. 25 u 26 tal-process.
17 Xhieda in kontro-ezami ta' David Abela waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2009, fol. 93 sa' 97 tal-process.
18 *Ibid* u Dok. "AG12", fol. 58 tal-process.
19 Dok. "AG12", fol. 56 tal-process.
20 Dokumenti a fol. 59 sa' 62 tal-process.

**2007**, bil-konsegwenza li l-konsenji ta’ merkanzija li kienu gejjin minn Salerno kienu ser jittardjaw b’jumejn[21];

– Ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar meta il-konsenja ta’ *barriers* waslet Malta. Is-socjetà attrici tikkontendi li waslet fit-**13 ta’ April 2007** filwaqt li s-socjetà konvenuta tikkontendi li waslet fis-**16 ta’ April 2007**[22]. Li hu zgur hu li sat-**13 ta’ April 2007 fid-9:00a.m.** is-socjetà konvenuta ma tatx dettalji ezatti dwar meta l-vapur kien ser jidhol Malta u dakinhar stess il-Korporazzjoni Enemalta hassret l-ordni li kienet ghamlet mas-socjetà konvenuta[23].

Minn dawn il-fatti jirrizulta b’mod car illi s-socjetà konvenuta ma ordnatx minghand is-socjetà COGIT PLAST S.p.A. biss dawk il-188 *barrier* li kien ghad jonoqsha tipprovdi lill-Korporazzjoni Enemalta izda b’kollox, bejn l-ordni tas-26 ta’ Marzu 2007 u l-ordni tas-6 ta’ April 2007, ordnat 372 *new jersey barrier*, cioè kwazi d-doppju. Jirrizulta b’mod car ukoll li l-inkarigu tas-socjetà attrici kien ikopri il-konsenja kollha, ossia kellha tittrasporta mill-Italia ghal Malta 372 *new jersey barrier,* u r-relazzjoni guridika kienet esklussivament bejn is-socjetà attrici u s-socjetà konvenuta.

La l-inkarigu tas-socjetà attrici kien ghat-trasport ta’ 372 *new jersey barrier* mill-Italia ghall-Malta, liema konsenja effettivament saret, is-socjetà konvenuta ma tistax tirrifjuta li thallas ghas-servizz rez ghaliex ghall-finijiet ta’ l-ordni tal-Korporazzjoni Enemalta l-konsenja – li minnha 188 barrier biss kienu ghall-Korporazzjoni – ma waslitx fil-hin. Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni u t-tieni eccezzjoni sollevati mis-socjetà konvenuta – u cioè li t-talba tas-socjetà attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt u li l-ammont pretiz mhux dovut ghaliex is-socjetà attrici naqset mill-obbligi kuntrattwali taghha billi naqset milli tikkonsenja l-merkanzija in kwistjoni fiz-zmien stipulat – ma jistghux jigu milqugha.

---

[21] E-mails datati 9 ta’ April 2007, fol. 63 u 64 tal-process.

[22] Xhieda in kontro-ezami ta’ Adam Grima waqt is-seduta tas-6 ta’ Mejju 2008, fol. 76 sa’ 78 tal-process.

[23] Xhieda in kontro-ezami ta’ David Abela waqt is-seduta tas-6 ta’ Mejju 2009, fol. 93 sa’ 97 tal-process, xhieda ta’ l-Inginier Patrick Gauci waqt is-seduta tat-22 ta’ Mejju 2008, fol. 83 sa’ 84 tal-process u Dok. “AG16” a fol. 67 tal-process u Dok. “AG19” a fol. 71 tal-process.

Fic-cirkostanzi l-uniku rimedju disponibbli ghas-socjetà konvenuta hu li tfittex lis-socjetà attrici ghad-danni li setghet sofriet b'konsegwenza tal-fatt li dawk il-188 *new jersey barrier* necessarji ghall-ordni tal-Korporazzjoni Enemalta ma waslux fil-hin, rimedju minnha effettivament mitlub permezz tar-raba' eccezzjoni u konsegwenti kontro-talba taghha. Din il-pretensjoni tas-socjetà konvenuta però tista' tirnexxi biss kemm-il darba tipprova b'mod sodisfacenti l-inadempjenza kuntrattwali tas-socjetà attrici fil-konfront taghha u l-konsegwenti dannu kawzat.

Il-fatt li l-konsenja ta' *barriers* ma waslitx fil-hin ghall-finijiet ta' l-ordni li l-Korporazzjoni Enemalta kellha mas-socjetà konvenuta ma jistax ikun dubitat. In effetti kien proprio minhabba dan il-fatt li l-Korporazzjoni kkancellat l-ordni li kellha mas-socjetà konvenuta[24]. Madanakollu ma tistax, b'mod awtomatiku, tigi attribbwita responsabilità ghal dan lis-socjetà attrici ghaliex fil-fehma tal-Qorti trid tigi determinata r-raguni vera ghaliex il-konsenja *barriers* ma waslitx fil-hin.

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjetà attrici bdiet tesegwixxi l-inkarigu taghha b'mod immedjat u fil-fatt fit-28 ta' Marzu 2007 it-trasportatur minnha inkarigat – Altair S.r.L. – già kien f'posizzjoni jghabbi l-konsenja, sak dak iz-zmien ta' 300 *barrier*, u jinzel biha l-port ta' Taranto biex titghabba fuq il-vapur li kellu jigi Malta. Gara però li l-fornitur tas-socjetà konvenuta – COGIT PLAST S.p.A. – ma riedx jirrilaxxja l-merkanzija qabel ma jircievi l-hlas taghha minghand is-socjetà konvenuta. Il-hlas gie effettwat permezz ta' cheque mahrug fid-29 ta' Marzu 2007 li issarraf il-Gimgha 30 ta' Marzu 2007, bil-konsegwenza li l-konsenja ma setghetx tittiehed minghand il-fornitur qabel it-3 ta' April 2007, meta imbaghad kien tard wisq biex titghabba fuq il-vapur li kien ser jitlaq mill-Italia ghal dik il-gimgha. Kienet din ir-raguni ghalfejn il-konsenja ta' *barriers* – in segwitu mizjuda ghal 372 *new jersey barrier* – tghabbiet minghand COGIT PLAST S.p.A. fis-6 ta' April 2007 bil-konsegwenza li

---

[24] Xhieda ta' l-Inginier Patrick Gauci moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju 2008, fol. 83 sa' 84 tal-process.

nqabdet fil-problemi sussegwenti li nholqu billi l-vapur li kellu jitlaq mill-Italia fid-9 ta' April 2007, telaq iktar tard mill-previst u l-importazzjoni ta' merkanzija mill-Italia, inkluza l-*barriers* in kwistjoni, ittradjat b'jumejn.

Fic-cirkostanzi hija korretta l-affermazzjoni ta' David Abela, rapprezentant tas-socjetà attrici, li l-*problema nholqot ghaliex tlifna dawk is-sitt ijiem minhabba misunderstanding li kien hemm bejnu* [Adam Grima] *u bejn is-supplier tieghu*[25]. Id-dewmien fil-wasla tal-konsenja in kwistjoni hawn Malta ma jistax u ma ghandux jigi attribwit lis-socjetà attrici ghaliex, kif gustament eccepit mis-socjetà attrici in opposizzjoni ghall-kontro-talba tas-socjetà konvenuta, id-dewmien kien attribwibbli lill-istess socjetà konvenuta.

Ghalkemm is-socjetà konvenuta tipprova tinsinwa li l-fornitur taghha kien dispost jirrilaxxja l-merkanzija anke qabel ma jircievi l-hlas taghha, ara mistoqsija in kontro-ezami lil David Abela waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2009[26], ma tressqet ebda prova konkreta f'dan ir-rigward u ebda rapprezentant tas-socjetà COGIT PLAST S.p.A. ma gie prodott biex jikkonferma tali fatt. Li jirrizulta hu li ai termini ta' l-*order confirmation* datata 26 ta' Marzu 2007[27] it-*terms of payment* kienu *advanced bank transfer* u ghalhekk huwa iktar kredibbli li l-fornitur ma kienx dispost jirrilaxxja l-merkanzija qabel ma jircievi l-hlas milli l-kontra kif insinwat mis-socjetà konvenuta.

Ghaldaqstant, r-raba' eccezzjoni u l-kontro-talba tas-socjetà konvenuta ma jistghux jigu milqugha.

Jifdal li tigi trattata t-tielet eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta u cioè li t-talba ghall-hlas da parte tas-socjetà attrici hi eccessiva ghaliex l-istess socjetà minn rajha dahlet fi spiza addizzjonali ta' Lm547.50, illum ekwivalenti ghal €1,275.33, minhabba n-nuqqasijiet taghha u qed tipprova taddosshom fuq is-socjetà konvenuta.

---

[25] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2007, fol. 19 sa' 21 tal-process.
[26] Fol. 93 sa' 97 tal-process.
[27] Dok. "AG3" a fol. 43 tal-process.

Huwa minnu li bejn l-istima tas-26 ta’ Marzu 2007 u l-kont finali tas-16 ta’ April 2007 hemm zieda fil-prezz ta’ Lm547.50, izda fid-dawl tal-provi prodotti u tal-konsiderazzjonijiet u osservazzjonijiet già maghmula certament ma jistax jinghand li din iz-zieda kienet konsegwenza ta’ nuqqas da parte tas-socjetà attrici. Din iz-zieda, bhall-problemi l-ohra kollha li nqalghu, setghet tigi evitata kieku l-konsenja *barriers* ordnati mis-socjetà konvenuta fis-26 ta’ Marzu 2007 setghet titghabba fit-28 ta’ Marzu 2007 u tingieb Malta fuq il-vapur li kellu jitlaq mill-Italia fil-gimgha tat-3 ta’ April 2007, haga però li ma setghetx issir ghaliex kif inghad il-hlas tal-merkanzija sar biss fit-30 ta’ Marzu 2007 u l-merkanzija ma gietx rilaxxjata mill-fornitur tas-socjetà konvenuta qabel it-3 ta’ April 2007, meta kien tard wisq biex jintlahaq il-vapur imsemmi.

Fic-cirkostanzi ghalhekk anke din it-tielet eccezzjoni tas-socjetà konvenuta ghandha tigi michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetà konvenuta tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ €3,779.40, ekwivalenti ghal Lm1,622.50, bl-imghax legali dekoribbli mis-16 ta’ April 2007 (id-data tal-fattura tas-socjetà attrici) sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, a karigu tas-socjetà konvenuta.

A rigward il-kontro-talba, ghar-ragunijeit moghtija l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni tas-socjetà attrici, tichad it-talba tas-socjetà konvenuta, bl-ispejjez tal-kontro-talba a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------